# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 28**

**Rikors Guramentat Numru:- 712/2019 JVC**

**Rosemarie Guillamier (KI 455481M) bhala kuratrici ta' ommha Photini Antoinette Curmi (KI 265781M) u dan kif debitament awtorizzata permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) datat 8 ta' Lulju 2019 (Anness bhala "Dok X")**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Rosemarie Guillamier nomine kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti twieldet fl-4 t'Awwissu 1926 fl-Egittu u giet mghammda bl-isem "Photini Antoinette (Antonia) Trivizas" (vide certifikat tal-mghammudija anness bhala Dok A);

2. Illi fid-29 t'April 1951 l-esponenti izzewget lil Anthony Curmi, cittadin Malti fil-Parrocca ta' Santa Katerina f'Alessadrija, l-Egittu. Fic-certifikat relattiv, isem l-esponenti jokkorri bhala "Fotini" u mhux "Photini" (vide certifikat taz-zwieg anness bhala Dok B);

3. Illi fid-29 ta' Settembru 1965, l-esponenti applikat sabiex tikseb ic-cittadinanza Maltija a tenut tal-fatt illi hija kienet mizzewga lil cittadin Malti. Din l-applikazzjoni giet akkolta dakinhar stess permezz tal-approvazzjoni tal-Prim Ministru (vide Dok C);

4. Illi fid-29 ta' Settembru 1981 gie rilaxxat ic-certifikat tat-twelid 2657/1981 (anness bhala Dok D) li permezz tieghu, it-twelid tal-esponenti gie registrat f'Malta. F'tali certifikat, hija giet imnizzla bhala "Antonia" bint Constantin Trivizas. Fuq wara ta' tali certifikat hemm minuta li tghid li "*the original of this act of birth is a true translation of a baptismal certificate No. 324 in Register VII, f.31, No. 86, kept at the chancellery of the Greek-Orthodox Patriarchate of Alexandria and filed for registration in this office by Mrs A. Curmi nee' Trivizas hereinmentioned*", liema dokument qieghed appena msemmi hawn anness bhala Dok A ma dan ir-rikors guramentat;

5. Illi kuntrarjament ghal dak dikjarat fic-certifikat 2657/1981, l-isem tal-mghammudija tal-esponenti huwa "Photini Antoinette (Antonia) Trivizas";

6. Illi di piu`, l-esponenti kienet anke` inhargitilha karta tal-identita` Maltija fejn l-isem taghha gie indikat bhala "Photini Curmi" (vide Dok E);

7. Illi l-esponenti hija ukoll fil-pussess ta' Passaport Malti mahrug mid-Direttur intimat fil-15 ta' Marzu 1985 li fih l-isem tal-esponenti huwa dikjarat bhala "Mrs Fotini Curmi nee' Triviza" (annes bhala Dok F);

8. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, l-esponenti hija maghrufa bl-isem "Photini Antoinette Curmi" izda mhux bl-isem "Antonia" u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

9. Illi l-esponenti ghandha l-interess legittimu li r-registrazzjoni civili taghha tkun wahda korretta u fidila ghall-mod kif inhi maghrufa fil-hajja taghha;

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi **"Photini Antoinette Curmi"** huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid 2657/1981 u kull att, certifikat jew dokument verjuri relattiv ghall-esponenti b'hekk l-isem taghha jigi jaqra **"Photini Antoinette Curmi".**

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrenti kienet irregistrat l-Att tat-Twelid taghha ai termini tal-Artikolu 244 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-ghan, id-Direttur konvenut kien talab lir-rikorrenti d-dokumenti necessarji sabiex ikun f'pozizzjoni li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru gewwa Malta. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti forniet lid-Direttur konvenut b'certifikat tal-maghmudija u traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2' rispettivament. Wara li d-dokumenti msemmija gew evalwati u l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, l-istess esponent ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. L-Att tat-Twelid Malti tar-rikorrenti jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

3. Illi ghandu jigi sottolinejat illi d-Direttur konvenut fil-mument ta' registrazzjoni ma ha l-ebda zball u b'hekk huwa nizzel l-isem tar-rikorrenti bhala 'Photini-Antoinette (Antonia)'. Madanakollu, fuq l-estratt li r-rikorrenti ezebiet mar-rikors

promotur, liema estratt gie mahrug fis-sena 1981, isem ir-rikorrenti gie mnizzel bhala 'Antonia'. Ghandu jigi spjegat illi estratt ma huwiex l-Att tat-Twelid originali. Fiz-zmien li r-rikorrenti talbet estratt tal-Att tat-Twelid Malti, hija inghatat il-kopja li giet annessa mar-rikors promotur, li kif jixhed l-istess estratt dan gie miktub b'mod manwali. Dan ifisser illi r-rapprezentant tad-Dipartiment li hareg l-estratt in kwistjoni b'mod manwali erronjament nizzel biss parti mill-isem tar-rikorrenti u cjoe' 'Antonia';

4. Illi minkejja tali, huwa stat ta' fatt u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid Malti originali tar-rikorrenti illi d-Direttur konvenut rregistra isem ir-rikorrenti bhala 'Photini-Antoinette (Antonia)'. Illum il-gurnata jekk wiehed jitlob estratt tal-Att tat-Twelid, dan ma jigix miktub b'mod manwali kif kien jigri f'dahri, izda johrog b'mod kompjuterizzat. Ghal kull bon fini, d-Direttur konvenut qieghed jannetti kopja ta' estratt tal-Att tat-Twelid Malti tar-rikorrenti, immarkat bhala 'Dok. DRP 4', sabiex jassigura illi anke fl-estratt isem ir-rikorrenti huwa 'Photini-Antoinette (Antonia)';

5. Illi in vista tas-suespost, id-Direttur konvenut huwa tal-umli fehma illi l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ezawrit u dan tenut kont illi isem ir-rikorrenti huwa diga' rregistrat bhala 'Photini-Antoinette (Antonia)';

6. Illi bla hsara ghal premess u fir-rigward tal-fatt illi r-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti ukoll sabiex hija tkun maghrufa bhala bil-kunjom 'Curmi';

7. Illi fir-rigward tal-premess, id-Direttur konvenut jisottolineja illi r-rikorrenti zzewget barra minn Malta, senjatament gewwa

l-Egittu. Madanakollu, tali zwieg qatt ma gie registrat gewwa Malta u b'hekk f'dan l-istadju hija ma tistghax titlob li tigi maghrufa b'tali kunjom;

8. Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma ili t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jirrileva ukoll illi huwa ma ghandux jigi soggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti stante illi ma kien hemm l-ebda nuqqas jew ommissjoni da parti tieghu fir-rigward tal-Atti tal-iStat Civili tar-rikorrenti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat il-provi, affidavit, emails u d-dokumentazzjoni kollha mressqa fl-atti;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 11 ta' Frar, 2020 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Rosemarie Guillamier bhala kuratrici ta' ommha Photini Antoinette Curmi u dan hekk kif awtorizzata permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni

Volontarja) datat 8 ta' Lulju, 2019 (digriet a fol. 3 tal-process) permezz tar-rikors guramentat odjern u d-dokumenti esebiti fosthom ic-certifikat tat-twelid mahrug fid-29 ta' Settembru, 1981 a fol. 7 tal-process qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 2657 tas-sena 1981 sabiex dan juri l-isem u l-kunjom bhala dak ta' 'Photini Antoinette Curmi' u mhux 'Antonia'.

Illi fir-risposta tieghu tas-17 ta' Settembru, 2019 id-Direttur intimat ressaq *inter alia* eccezzjoni fejn irrileva li fil-mument tar-registrazzjoni d-Direttur intimat ma ha l-ebda zball peress li l-isem imnizzel fuq l-Att tat-Twelid huwa dak ta' 'Photini-Antoinette (Antonia)'. Huwa qal li l-estratt esebit mar-rikors promotur (a fol. 7 tal-process) kien inhareg fis-sena 1981 u dak iz-zmien ix-xoghol kien isir manwali u ghalhekk min hareg ic-certifikat indika hazin l-isem tar-rikorrenti nomine bhala dak ta' Antonia. Jispjega li estratt m'huwiex Att ta' Twelid originali. Ghal kull buon fini d-Direttur intimat esebixxa estratt tal-Att tat-Twelid bis-sistema tal-llum ikkompjuterizzata bin-numru ta' iskrizzjoni 2657 tas-sena 1981 minn fejn jirrizulta li l-isem moghti lir-rikorrenti huwa dak ta' 'Photini-Antoinette (Antonia)'. Fir-rigward il-kunjom id-Direttur intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrenti zzewget barra minn Malta, senjatament l-Egittu madanakollu tali zwieg qatt ma gie registrat gewwa Malta u b'hekk f'dan l-istadju r-rikorrenti ma tistax titlob li tigi maghrufa b'tali kunjom.

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Jannar, 2020 a fol. 29 tal-process, ir-rikorrenti nomine pprezentat komunikazzjoni tramite emails u vverbalizzat illi 'hija kellha xi komunikazzjoni mal-Ambaxxata jew ahjar il-Konslu Dennis Grech dwar ic-certifikat taz-zwieg ta' ommha r-rikorrenti. L-ewwel komunikazzjoni kienet permezz ta' telephone fejn giet infurmata illi kien difficli hafna li jinstab xi

dokument stante li r-registrazzjonijiet bdew isiru wara s-sena 1970'.

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Frar, 2020 l-avukat difensur tal-attrici vverbalizza illi 'b'referenza ghad-dokument li jinsab esebit a fol. 5 tal-process u cioe' c-certifikat taz-zwieg mahrug mill-Parrocca ta' Santa Katerina f'Lixandra gewwa l-Egittu u li jittratta dwar iz-zwieg bejn Antonio Curmi u Fotini Antonia Trevisas datat 29 ta' April 1951 fic-cirkostanzi jikkostitwixxi l-ahjar prova ragjonevolment ottenibbli taz-zwieg bejn l-imsemmija zewg persuni.'

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 17 tal-process.

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili. Jinghad li ghalkemm il-ligi ssemmi biss isem u mhux ukoll kunjom huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta u qieghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball.

Illi jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti sabiex issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid 2657 tas-sena 1981 hija msejsa fuq att maghmul manwalment u li nhareg fid-29 ta' Settembru, 1981 (esebit a fol. 7 tal-process). Ir-rikorrenti fil-premessi tishaq li fic-certifikat ta' maghmudija taghha l-isem li bih hija giet mghammda kien dak ta' 'Photini Antoinette (Antonia) Trivizas' u mhux dak ta' 'Antonia' kif indikat fic-certifikat appena citat. Illi din il-Qorti tinnota li huwa minnu li fic-certifikat ta' maghmudija esebit a fol. 4 tal-

process ir-rikorrenti hija ndikata bhala 'Photini Antoinette (Antonia) Trivizas', u li fl-att mahrug fid-29 ta' Settembru, 1981 l-isem hemm indikat huwa dak ta' 'Antonia', madanakollu din il-Qorti tinnota wkoll li fic-certifikat li gie esebit mid-Direttur intimat mar-risposta guramentata u li huwa kkomputerizzat, l-'Ismijiet Moghtija' huma l-istess bhal dak tac-certifikat ta' maghmudija u cioe' 'Photini Antoinette (Antonia)'. Illi ghalhekk jirrizulta li l-isem indikat fic-certifikat mahrug fid-29 ta' Settembru, 1981 u li nkiteb manwalment huwa zbaljat u li l-isem kif jinsab prezentament irregistrat mar-Registru Pubbliku huwa dak it-tajjeb. Ghaldaqstant din it-talba hija ezawrita.

Illi fir-rigward il-korrezzjoni fil-kunjom, ir-rikorrenti tghid li hija zzewget fil-Parrocca ta' Santa Katarina f'Alessandria, l-Egittu nhar id-29 ta' April, 1951 lill-Anthony Curmi cittadin Malti u ghalhekk kunjoma ghandu jkun dak ta' 'Curmi'. Id-Direttur intimat fis-sebgha (7) eccezzjoni tieghu jghid li l-att ta' zwieg qatt ma gie registrat gewwa Malta u ghalhekk f'dan l-istadju ma tistax titlob li tkun maghrufa bil-kunjom 'Curmi'. Li l-Att ta' Zwieg ma giex registrat gie kkonfermat mir-rikorrenti nnifisha hekk kif ivverbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2020 u mill-iskambju ta' emails mal-konslu Dennis Grech (ara emails a fol. 30 u fol. 31 tal-process).

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta) illi dwar registrazzjoni ta' Att ta' twelid, ta' zwieg u ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz jghid is-segwenti:

'(1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270 (1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.

(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

Illi la darba l-Att ta' Zwieg m'huwiex registrat mar-Registru Pubbliku u konsegwentament din il-Qorti ma tistax tivverifika jekk sarx xi zball fil-kunjom, din il-Qorti ma tistax tawtorizza korrezzjoni ta' xi haga li effettivament ma tezistix. In oltre huwa legalment u fattwalment inkoncepibbli li din il-Qorti tintalab li tbiddel il-kunjom fuq l-att ta' twelid sabiex dan juri kunjom ir-rikorrenti bhala mizzewga stante li evidentement mat-twelid ir-rikorrenti ma kinitx gia mizzewwga u ghalhekk il-kunjom li jidher fuq ic-ceritfikat tat-twelid huwa dak korrett.

Illi dwar ir-registrazzjoni tal-att taz-zwieg il-Qorti rat li ma ghandha l-ebda talba f'dan is-sens fir-rikors guramentat tar-rikorrenti b'dana li izda rat ukoll li fl-annotazzjonijiet tal-istess certifikat tat-twelid bin-numru 2657 tas-sena 1981 (fol. 23 tal-process) id-Direttur intimat gia rrikonoxxa li r-rikorrenti hija mizzewga stante li jindika lir-rikorrenti bhala 'Mrs A. Curmi nee Trivizas'. In vista ta' dan kollu l-Qorti, filwaqt li tispera li jirrenja l-

buon sens u l-logika dwar dan il-punt bejn il-partijiet, ser thalli impregudikati d-drittijiet tal-partijiet in relazzjoni mal-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat u tichad it-talbiet kollha rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet in vista li rrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti giet indotta tintavola l-proceduri odjerni in parte konsegwenza ta' zball da parti tal-impjegati tad-Direttur intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**